MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Numru 349/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Frances Pantelleresco**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Frances Pantelleresco ta’ 53 sena, bint Nicholas Abela u Mary nee’ Camilleri, imwielda Mosta, residenti numru 67, Triq St. Liena, Bormla u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 707155(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Fit-12 ta’ Marzu 2008 u diversi zminijiet u xhur wara appropjat ruhha, billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuni ohra, cioe’ is-somma ta’ 3070 Euros ghad-

detriment ta' Mario Lanzon Miller mill-Fgura minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata lilha jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikat.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar tat-2 ta' Ottubru 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuza kif dedotta kontra taghha.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ghandha fedina penali netta, il-fatt li hija rregistrat ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-fatt li hija kkoperat bis-shih fil-kors ta' l-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 293 u 310 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannaha tmintax (18) il-xahar prigunerija sospizi ghal perijodu ta' tlett snin (3) millum.

Tordna wkoll lill-imputata ai termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex thallas lil Mario Lanzon Miller is-somma ta' tlett elef u sebghin Ewro (€3070.00) u dan sa zmien sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputata l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tosservaha.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien ma’ l-atti ta’ dawn il-proceduri jintbghatu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------